MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 35/2018

It-Tnejn 12 ta' Marzu 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li l-membri, s-Sur Simon Salomone Reynaud, is-Sur Martin Cefai u s-Sindku s-Sur Nicky Saliba kienu skużati u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

### 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 34/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

35.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

35.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

35.2.4 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 35.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

35.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat Amministrattiv li wara laqgħa li kienet saret ma' sid ta' ristorant f'Marsalforn, is-Sur Joe Sultana, fejn kien esprima x-xewqa li jiffurmaw kumitat bejn is-sidien tar-ristoranti ta' Marsalforn, issa dan il-kumitat ġie iffurmat.

35.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li nridu ninfurmaw l-awtoritajiet dwar żewġ dgħajjes u bowżer fil-parking ta' Marsalforn li qegħdin ipparkjati llegalment. Kif ukoll dgħajsa fi Triq il-Qolla s-Safra ħdejn 'Sunshine House'.

## 35.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

35.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar risposta minn 'GaleaCurmi Engineering' wara l-laqgħa fuq il-lampi ta' Triq Santa Marija. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li l-Inġ Mario Galea weġibna li dawn il-lampi ser ikunu nstallati u jixgħelu sa nofs April 2018.

35.4.2 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar x'ser jiġri fuq il-kundizzjoni ta' Triq il-Qbajjar. Iċ-*Chairperson* qalet li saret talba lill-Ministeru għal Għawdex biex issir laqgħa dwar xi punti fosthom fuq din it-triq, iżda għad m'għandniex risposta fuq meta ser tkun din il-laqgħa.

35.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar ir-railings ta' Triq Santa Marija. Iċ-*Chairperson* wieġbet li qed nistennew l-istima mingħand il-Perit Edward Scerri. Qalet ukoll li mingħand l-istess perit qed nistennew rapport dettaljat fuq il-possibilta' ta' periklu li jista' jkun hemm fuq is-siġra ta' quddiem il-Knisja ta' Marsalforn.

35.4.4 Is-Sur Frank Fenech wera diżappunt dwar il-kwistjoni tal-*pedestrian crossing* fi Triq il-Qbajjar. Huwa qal li fi ftit żmien saru tlett *pedestrian crossings* f'din it-triq li avolja nħarġu l-permessi meħtieġa, l-Kumitat kellu jneħħi dawn il-*pedestrian crossings* wara lmenti mir-residenti ta' din it-triq.

## 35.5 *One Way* – Triq il-Forn, Triq il-Qbajjar u Triq il-Wied;

35.5.1 Iċ-*Chairperson* għamlet suġġeriment sabiex issir talba lil *Transport Malta* biex Triq il-Forn isir *one way* u ma jgħaddux karozzi mid-direzzjoni tal-port għal Triq il-Forn lejn Triq il-Qbajjar. Hi qalet li jekk tkun approvata, f'din it-triq ikun jista' jsir spazju ta' parkeġġi man-naħa tal-bini matul it-triq kollha. Il-membri preżenti kollha qablu ma' din il-proposta.

35.5.2 Iċ-*Chairperson* qalet sabiex jerġa jintalab il-permess sabiex fis-Sajf Triq il-Wied issir *one way* mit-8.00 ta' filgħaxija sa nofsillejl.

35.5.3 Iċ-*Chairperson* għamlet suġġeriment sabiex Triq il-Qbajjar issir *one way* mill-1 ta' Mejju 2018 sal-aħħar ta' Settembru 2018. Wara diskussjoni,

is-Sinjura Sandra Grech ma qablitx dwar dan, iżda s-Sur Frank Fenech u ċ-*Chairperson* qablu li din issir bejn il-15 ta' Mejju 2018 u l-aħħar ta' Settembru 2018.

## 35.6 Lampi Ġodda fi Triq Għar Qawqla

35.6.1 Iċ-*Chairperson* għamlet suġġeriment sabiex fi Triq Għar Qawqla jinbidlu l-lampi dekorattivi li hemm fil-*promenade* u jsiru bħal dawk ta' Triq il-Port. Il-Kumitat qabel li jinġabru tlett stejjem biex jinxtraw il-lampi dekorattivi.

35.6.2 Is-Sinjura Sandra Grech ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn isir manutenzjoni tar-*railing* li hemm f'dan il-*promenade* kif ukoll jinzebaħ iċ-ċint li hemm minħabba s-sadid.

## 35.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

35.7.1 Is-Sinjura Sandra Grech ġibdet l-attenzjoni, wara lment minn resident, dwar ħsara li saret fi Triq in-Naħla mil-kuntrattur Said Construction. Hi qalet li hemm bżonn niġbdu l-attenzjoni lill-istess kuntrattur biex titranġa din il-ħsara jew navżaw lill-awtoritajiet.

35.7.2 Is-Sinjura Sandra Grech ġibdet l-attenzjoni, wara lment minn resident, dwar toqba fil-bankina fi Triq il-Port f'Marsalforn faċċata tal-Għassa tal-Pulizija. Iċ-*Chairperson* qalet li dik il-bankina taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Ministeru għal Għawdex u l-Perita Mariella Xuereb kienet diġa' infurmata dwarha.

35.7.3 Is-Sinjura Sandra Grech ġibdet l-attenzjoni, wara lment minn resident, dwar ħmieġ tal-klieb ħdejn 'Il Gabbiano Restaurant'. Talbet sabiex ninfurmaw lil Green Warden sabiex jissorvelja dawk l-inħawi.

35.7.4 Is-Sur Frank Fenech għamel suġġeriment biex isiru il-parking bays fi Triq Ulisse. Kien hemm qbil mill-Kumitat dwar dan.

35.7.5 Iċ-*Chairperson* għamlet suġġeriment sabiex fi Triq Barda ssir tabella *one way* ħdejn ir-roundabout peress li hemm biċċa żgħira li qed jgħaddu l-

karozzi kontra l-linja. Kien hemm qbil dwar dan.

35.7.6 Iċ-*Chairperson* qalet li fi Triq il-Qbajjar fejn hemm parti mit-triq niżlet, hemm bżonn li titqaxxar quddiem ir-residenza ta' Nazju Sultana, Frank Tabone u Victor Cassar peress li qed jidħol l-ilma minn taħt il-bankina għal ġol-*basement* tagħhom u qed isirilhom il-ħsara. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li ser issir laqgħa mal-Ministru dwar dan il-punt iżda l-Kumitat qabel li każ bħal dan ma jistax jistenna aktar.
Iċ-*Chairperson* qalet ukoll li hemm bżonn infakkru lill-Ministeru għal Għawdex dwar il-kundizzjoni tal-parking ta' Marsalforn li fil-preżent hu impossibli li xi ħadd jgħaddi minn hemm bi *pram* jew *pushchair.*

35.7.7 Ilment KAM 04/2018 – M. Saliba
Tilmenta biex isiru *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq Barda c/w Triq il-Qolla s-Safra Marsalforn.
Il-Kumitat qabel li jsir metru *double yellow lines* f'dan il-post.

35.7.8 Ilment KAM 05/2018 – D. Cordina
Qed jagħmel suġġeriment biex issir xibka jew railing mal-bankina fejn jilagħbu t-tfal fil-*promenade* tal-Qbajjar quddiem il-*kiosk*.
Il-Kumitat ma qabilx dwar dan peress li dak mhux post fejn tilgħab bil-ballun.

35.7.9 Il-Kumitat irċieva korrispondenza b'suġġeriment mis-Sur Daniel Cordina sabiex Triq il-Wied fejn hemm il-wiċċ tal-konkos biswit il-wied, tkun magħluqa għat-traffiku fi tmiem il-ġimgħa u jitwaħħlu tabelli juru li jkun hemm in-nies jippassiġġaw u biex isuqu bil-mod.
Il-Kumitat qabel sabiex issir *slow sign* mal-art u tabella.

35.7.10 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mis-Sur Pierre Galea jitlob sabiex issir *disabled parking bay* fi Triq il-Port biswit il-*boathouses*.
Il-Kumitat, wara diskussjoni fejn l-aħjar li ssir, iddeċieda li ssir *disabled parking bay* fi Triq il-Forn la darba tiġi approvata l-*one way* f'dik it-triq.

35.7.11 Il-Kumitat irċieva korrispondenza minn Oasi Foundation b'talba għall-għoti ta' permess biex issir l-attivita' tas-Sajf 2018. Ġew ssuġġeriti żewġ postijiet, fil-menqa u fil-parking ta' Marsalforn.
Iċ-*Chairperson* qalet li għandha ssir laqgħa mal-Ministeru dwar dawn il-permessi tal-attivitajiet. Il-Kumitat qal ukoll li permessi għall-attivitajiet fil-Menqa m'humiex aċċettati.

## 35.8 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 35.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 16 ta' April 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 16 ta' April 2018.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |